# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

## tat-23 ta' Ottubru 2011

## li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

(2011/775/UE)

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 283(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.2 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew [3],

Billi:

(1) B'ittra datata s-27 ta' Settembru 2011, il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, is-Sur Jean-Claude TRICHET ħabbar id-deċiżjoni tas-Sur Jürgen STARK li jirriżenja mill-pożizzjoni tiegħu fil-Bord Eżekuttiv qabel tmiem il-kariga tiegħu fil-31 ta' Mejju 2014, u r-rieda tiegħu li jkompli jżomm il-kariga sal-jum li fih is-suċċessur tiegħu jassumi r-responsabbiltajiet tiegħu. Għaldaqstant jeħtieġ li jinħatar membru ġdid tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(2) Il-Kunsill Ewropew jixtieq jaħtar lis-Sur Jörg ASMUSSEN li, fil-fehma tiegħu, jissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Jörg ASMUSSEN huwa b'dan maħtur membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal kariga ta' tmien snin mill-1 ta' Jannar 2012.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2011.

*Għall-Kunsill Ewropew*

*Il-President*

H. VAN ROMPUY

---

[1] ĠU L 265, 11.10.2011, p. 29.

[2] Opinjoni mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2011.

[3] Opinjoni mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2011 (ĠU C 301, 12.10.2011, p. 2).